MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru. 950/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**

**KONTRA**

**KEITH PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Keith Pace ta’ 27 sena, bin Lawrence u Emanuela nee’ Vella, imwieled Pieta, nhar l- 10 ta’ Lulju 1980, residenti fil- fond Nru. 49, Triq Zerafa, Marsa, u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 327480(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar is- 27 ta' Settembru 2007 f'xi hin filghodu f'dawn il- Gzejjer, ikkommetta serq ta' arma tan- nar tal-marka Winchester bin- numru L876873 minn fond sitwat Nru. 40, Triq San Lwigi, Msida liema serq hu kwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi €223 izda anqas minn €2, 223, liema serq sar ghad detriment ta' Joseph Attard mill-Msida (Artikolu 261, 263, 267 u 269);

2) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara taccedi Lm 50( hamsin Lira Maltin) u li sar ghad- detriment ta' Jovan Prokic minn tas- Sliema (Artikolu 325 1 b);

3) u aktar talli fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom (Artikolu 334);

4) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il- Gzejjer kiser il- provediment tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) datata 4 ta' Lulju 2007, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, fejn kien nstab hati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat ieor fi zmien tmintax il- xahar;

5) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il- Gzejjer, kiser il- provediment tal- Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) datata 17 ta' Mejju 2007, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, fejn kien nstab hati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

6) U aktar talli fl- istess data, hin , lok u cirkostanzi f'dawn il- Gzejjer, kiser il- provediment tal- Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) datata 12 ta' Ottubru 2006, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, fejn kien nstab hati u liberat bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi tlett snin;

7) Finalment nakkuzah ukoll talli fl- istess data, hn, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai terminu tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat, irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-reat jirrisali ghal kwazi sena u nofs ilu, meta l-imputat kien donnu qabad triq li gabitu f'konflitt mal-ligi ghal darba darbtejn u izjed. Di fatti, l-imputat kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija effettiva meta inbdew dawn il-proceduri, u s-sentenza llum giet skontata minnu. F'din il-kawza, l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri, u jidher li z-zmien li hu ghamel fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin serva biex biddel fehmtu fuq diversi affarjiet f'hajtu. In vista tal-ammissjoni tieghu, il-Qorti ordnat li jsir "Pre-Sentencing Report" mal-Ufficjali tal-Probation ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li l-Qorti tigi meghjuna fid-deliberazzjoni dwar il-piena.

Mill-istess rapport, li hu esebit fl-atti u li jaghmel parti integrali mill-atti, gie rakkomandat lill-Qorti li l-imputat ghandu jinghata opportunita' biex ma jitlefx dak li kiseb s'issa. Ghalhekk gie suggerit li jinghata Ordni ta' Probation kif ukoll Ordni ta' Servizz fil-Komunita', it-tnejn fil-massimu taghhom possibbli, sabiex il-pjan ta' kura imfassla ghalih tkun tista' tigi mwettqa. Madankollu, il-qorti esaminat l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u qieset sew il-kunsiderazzjonijiet indikati mill-partijiet f'dan il-kaz.
Mal-ewwel daqqa t'ghajn, il-Qorti tghid bla tlaqliq ta' xejn li kaz bhal dan kieku jimmerita piena ta' prigunerija effettiva, specjalment meta wiehed jara l-fedina penali tal-imputat. Jibqa', izda, zewg kunsiderazzjonijiet li jridu jigu esaminati b'attenzjoni. Fl-ewwel lok, mill-aspett purament legali, il-Qorti rat illi l-imputat, fis-sentenza ta' prigunerija moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell f'April li ghadda, kien gie misjub hati ukoll li kiser zewg Ordnijiet ta' Probation u li kiser Liberazzjoni Kundizzjonata, liema sentenzi qed jigi imputat bihom ukoll f'din il-kawza u li ammetta ghalihom ukoll. Allura, il-Qorti ghandha sensazzjoni li l-imputat diga' skonta piena fuq dan il-ksur, minkejja li hu qed jammetti dawn l-imputazzjonijiet f'din il-kawza. Ghalhekk, sabiex ma tikkomplika l-hajja ghal hadd, sejra tiddikjara htija fuq dan il-ksur f'dawn il-proceduri, u ser timponi piena pekunjarja ghall-istess, ai termini tal-Artikolu 21 (2) tal-Kap 446, ghalkemm jezisti f'mohh il-Qorti ftit ta' dubju jekk fil-fatt l-imputat gia' inghatax piena ghall-istess.

Fit-tieni lok, jekk hu veru li l-imputat beda miexi fit-triq it-tajba wara li fetah ghajnejh bis-sahha tal-perijodu li ghamel jiskonta sentenza ta' prigunerija, m'ghandhiex tkun il-Qorti li terga' tnizzli taht l-ilma jekk forsi issa beda process biex ibiddel ghemilu, aktar u aktar jekk il-Qorti ghandha dubju kemm hu gia' skonta l-ksur tas-sanzjonijiet fil-komunita' moghtija lilu fil-passat. Ghalhekk, in vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti hi tal-fehma li l-ahjar triq fic-cirkostanzi hi li taddotta r-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation mahtira mill-Qorti, u taghti s-sentenza kif gej.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 325 (1)(b), 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
U l-Artikoli 7 u 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Aritkolu 7 tal- Kapitolu 446 ghal tlett (3) snin.
Inoltre l- Qorti tordna li l- imputat jghati servizz fil-komunita' ghal mitt (100) siegha ai terminut tal- Artikolu 18 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Il- Qorti tikkundanna ammenda ta' mitt Ewro (€100) kull wiehed ghal ksur ta' zewg ordnijiet ta' Probation, datati 15 ta' Ottubru 2006 u 17 ta' Mejju 2007, ghalhekk zewg ammendi b'total ta' mitejn Ewro (€200).

Tordna finalment li l-fedina penal ital-imputat tigi aggornata sabiex tirrefletti l-kundanna tal-ammendi hawn fuq indikati.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------